# IL-GĦAŻŻIEN.....

L-Għażżien, il-Bu-Għażżien, u
Missier-il-Għażżenin,
Bil-ħmar, igħidu, ħarġu
Fuq kerrettun rekbin...

U ċiklem, ċiklem, ċiklem...
Iltaqgħu ma' perun... (1)
L-Għażżien, li lemħu l-ewwel,
"Xi jleqq!" qal "dak xi jkun?..."

U l-Bu-Għażżien hekk wieġbu:
"Dak fils (2) qadim! għaliex
Ma tinżel int u ġġibu?...
Biċċa deheb daqshiex!"

Għax ma tinżelx int? l-ewwel
Ma rajtu ïnt; jien xhud! (3)
Se' mmur għalik inbati
Biex int tibq' hemm paxxut! (3)

(1) Perun jew parun.— Il-peruni kienu bċeijeċ tal-flus tad-deheb akbar mid-dubluni, koll wieħed daqs nagħla ta' żiemel. Igħidu ħabbathom il-Konti Ruġġieru. Il-lum għadna ngħidu perun għal xi ħaġa li tiswa bosta: mifles.

(2) Fils—biċċa flus.

(3) Għal min jifli bir-reqqa "xhud" ma "paxxut" ma tmurx. Ngħid jien: m'hix rima bid-dumis jew kif igħidu l-ingliżi "*perfect rhyme*" iżda rima tgħaddi, "*allowable rhyme*". Imma tarġa jaqblu u jdoqqu tajjeb ukoll għax id-*d* ta' "xhud" tinqara u tistama' *t* għax fit-tarf. Ara: *d* dejjem tinqara *d* bħal fit-taljan u fil-latin: biss fit-tarf tal-kelma u mita tiltaqa' mal-*f*, *ħ* (kħott jew *eħħe mqarrħa*) *k*, jew *q* (qoff) tingħad *t*: hekk ngħidu (niktbu): *marad, ward, dfart* li jinqraw u jinsemgħu, *marat, wart, tfart*. (VASSALLI, Diz: Malti, f. 140.)

Missier-il-Għażżenin
Jitlewmu kif semagħhom,
"Iv' inżlu erfgħuh!" qalilhom,
U bida jgħajjat magħhom !

'Mma qalbu le ma tatu
Jitħarrek biex b'idejh
Jiġbor il-fils, u baqa'
Bħal xaħma jħares lejh !...

Sa kemm il-ħmar iddejjaq (4)
Biex jimxi riġlejh medd...
U l-biċċa deh'b ħallewha
Bla minnhom ħadd ma nkedd.

" L-għażżien xogħolu għali "
Il-qawl il-malti jgħid :
Anqas iħarrek snienu
Biex jiekol biss ma jrid !

V. M. B.

(4) Il-ħmar ħa l-isem ta' għażżien għax imur bil-lajma u jorqod. Iżjed: għandu ħaġa fuq kollox li tolqot u li turik tassew x'inhu, ħaġa li aktarx ma ssibhiex ħlief fuqu : mita jaħsel ikun miexi, jaraha bi kbira jieqaf, u jibqa' miexi avolja ssawtu ; u bil-maqlub, jekk jaħsel jieqaf ma jibbastax jimxi, u jibqa' wieqaf, avolja tħarriklu. Mela hawn, mita qabad jimxi minn ċaħdu, wera li hu inqas għażżien minn dawk ta' fuqu !